MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
NADIA H. VELLA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 736/2012

**Paolo Bonnici Limited (C4186)**

**vs.**

**Joseph Bonello K.I. 865249 (M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' disa' mija u disgħa u ħamsin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€959.85) rappreżentanti prezz ta' diversi oġġetti mibjugħa u kkonsenjati debitament lill-konvenut li l-istess konvenut ħallas għalihom permezz ta' ċekk li ma ġiex onorat.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-

Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta' riduzzjoni ippreżentata mis-soċjeta' attriċi fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2013 illi permezz tagħha hija rriduċiet l-ammont minnha pretiż għas-somma ta' tliet mija u erbgħa u ħamsin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€354.85).

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta' attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi is-somma ta' tliet mija u erbgħa u ħamsin Ewro  u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€354.85), bl-imgħax legali dekorribbli mill-5 ta' Mejju 2011 sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi numerata 94/2012,  huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------